U xi nghidu ghall-dik id-drawwa tant sabiha li kuhh meta kien jghaddi l-Isqof bil-mixi it-tfal li jarawh kienu jitiqu l-loghob u kollha bl-imhatra min ibuslu idu. U l-Isqof jimxi u jbierek, daqqa jmiss ras-wiehed, u daqqa jitbissem lil-iehor. Konna nilmhuh minn seba mili boghod; "Gej l-Isqof! Gej l-Isqof!" u erhilna nigru min jilhaq l-ewwel. Min jaf, ta' tfal li konna, kemm gbidnilu sebghu jew qbadnilu idu b'idejna kollha trab u tajn.

Illum ma nistghux inwaqqfu l-progress. Ghalhekk certi drawwiet bilfors kellhom jinqatghu. Ghallinqas huwa tajjeb li niktbuhom, ghax huma tipici taghna l-Ghawdxin, u jaghzluna minn nies ta' artijiet ohra.

---

KALENDARJI TA' NTERESS FOLKLORISTIKU

Kalendarju msejjah DGHAJJES MALTIN 1984 hareg mill-Union Press, u juri hares stampi bil-kulur ta' dghajjes Maltin, minn pittura ta' Edward Caruana Dingli.

Kalendarju iehor hareg mill-Promotions Services Ltd, imsejjah MALTESE CALENDAR juri sitt stampi bil-kulur dwar Malta fil-bidu tas-seklu t'issa, minn water colours ta' G.Von Brockdorff.

F'Mejju 1984, Dickens Libraryipproduciet Kalendarju 1985 imsejjah MALTESE HERITAGE ----MALTA AT THE TURN OF THE CENTURY li juri tlettax ir-ritratt black & white li juru aspetti mill-hajja Maltija fost in-nies komuni karatteristici taghna.

(GL)

---